



Brussell, 19 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

EUCO 1/26

CO EUR 1  
CONCL 1

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19 ta' Marzu 2026) – Konklużjonijiet

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

---

*Wara l-avveniment ta' temp estrem fil-Portugall, il-Kunsill Ewropew jesprimi l-kondoljanzi sinċiera tiegħu u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Portugall.*

\* \*

*Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres dwar is-sitwazzjoni ġeopolitika u l-multilateraliżmu.*

\*

\* \*

## **I. UKRAJNA**

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab fid-dokument EUCO 2/26 ġie appoġġat bis-sħiħ minn 25 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.
3. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

## **II. LVANT NOFSANI**

### ***Iran***

4. L-iżviluppi fl-Iran u fir-reġjun usa' jheddu s-sigurtà reġjonali u dinjija. Il-Kunsill Ewropew jappella għal tnaqqis tat-tensjoni u għal trażżin massimu, għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili u għal rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali mill-partijiet kollha, inkluż il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u d-dritt umanitarju internazzjonali. F'dan ir-rigward, huwa jappella għal moratorju fuq l-attakki kontra l-faċilitajiet tal-enerġija u tal-ilma. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora t-telf ta' ħajjiet ċivili u qed jissorvelja mill-qrib l-impatt estensiv tal-ostilitajiet, inkluż fuq l-istabbiltà ekonomika.

5. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki militari indiskriminati tal-Iran kontra pajjiżi fir-reġjun u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-pajjiżi affettwati. Huwa jistieden lill-Iran u lill-proxies tiegħu jwaqqfu immedjatament dawn l-attakki u jirrispettaw is-sovranità u l-integrità territorjali tal-pajjiżi fir-reġjun, f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSCR) 2817, li għandha tiġi implimentata bis-sħiħ. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' azzjoni konċertata biex tgħin lis-sħab isaħħu l-mezzi tagħhom ta' kontra d-droni u tad-difiża tal-ajru. F'dak il-kuntest jilqa' b'sodisfazzjon il-prontezza tal-Ukrajna biex tipprovdi appoġġ u għarfien espert fid-difiża tal-ajru u fis-sistemi kontra d-droni għall-pajjiżi tal-Golf.
6. L-Unjoni Ewropea tappoġġa bis-sħiħ u b'mod inekwivoku lill-Istati Membri qrib ir-reġjun. Hija tilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ ipprovdut mill-Istati Membri f'dan ir-rigward, b'mod partikolari permezz tal-iskjerament ta' assi militari fil-Lvant tal-Mediterran u b'appoġġ għal Ċipru. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-intenzjoni ta' Ċipru li jibda diskussjoni mar-Renju Unit dwar il-bażijiet tar-Renju Unit f'Ċipru u jinsab lest li jipprovdi assistenza kif meħtieġ.
7. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li jiġi ssalvagwardat l-ispazju tal-ajru reġjonali u li tiġi żgurata s-sigurtà marittima u r-rispett għal-libertà ta' navigazzjoni, u jikkundanna kwalunkwe att li jhedded in-navigazzjoni jew li jipprevjeni bastimenti milli jidħlu u joħorġu mill-Istrett ta' Hormuz.
8. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza r-rwol tal-operazzjonijiet difensivi marittimi tal-UE EUNAVFOR ASPIDES u EUNAVFOR ATALANTA, u jappella għat-tiżi tagħhom b'aktar assi, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.
9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll iż-żieda fl-isforzi mħabbra mill-Istati Membri, inkluż permezz ta' koordinazzjoni msaħħa mas-sħab fir-reġjun, biex tiġi żgurata l-libertà tan-navigazzjoni fl-Istrett ta' Hormuz, ladarba jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet.

10. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipproteġi s-sigurtà u l-interessi tagħha, filwaqt li taħdem mas-sħab reġjonali u globali biex tillimita l-impatt tal-ostilitajiet li għaddejjin bħalissa. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw is-sikurezza taċ-ċittadini tal-UE fir-reġjun, inkluż billi jipprovdu kundizzjonijiet għat-tluq sikur tagħhom.
11. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tkompli tirrapporta lura lill-Kunsill dwar l-impatt potenzjali tal-iżviluppi reċenti għall-UE f'termini ta' sigurtà tal-enerġija u prezzijiet tal-enerġija, ktajjen tal-provvista u migrazzjoni, u tipproponi miżuri kif xieraq. Huwa jappella wkoll għal koordinazzjoni fil-livell tal-UE inkluż dwar l-impatt possibbli fuq is-sigurtà interna.
12. Filwaqt li l-kunflitt ma wassalx għal flussi migratorji immedjati lejn l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jinżamm livell għoli ta' viġilanza u li jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' preparatezza, abbażi tal-għodod u l-politiki li l-UE żviluppat matul dawn l-aħħar snin. Abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015 u biex tiġi evitata sitwazzjoni simili, l-UE tinsab lesta li timmobilizza bis-sħiħ l-għodod diplomatiċi, legali, operazzjonali u finanzjarji tagħha biex tipprevjeni movimenti migratorji mhux kontrollati lejn l-UE u tippreserva s-sigurtà fl-Ewropa. Is-sigurtà u l-kontroll tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea ser ikompli jissaħħu. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza li ssir ħidma mas-sħab fir-reġjun biex jiġi żgurat li dawn jirċievu l-assistenza u l-appoġġ meħtieġa.
13. L-Unjoni Ewropea ser tkompli timpenja ruħha mas-sħab fir-reġjun biex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tensjoni u l-istabbiltà reġjonali. Hija tinsab lesta tikkontribwixxi għall-isforzi diplomatiċi kollha biex jitnaqqsu t-tensjonijiet u tinstab soluzzjoni dejjiema għat-tmien tal-ostilitajiet, l-Iran ma jitħallix jakkwista armi nukleari u jintemmu l-attivitajiet destabilizzanti tiegħu, inkluż il-programm ta' missili ballistiċi tiegħu.

14. Il-Kunsill Ewropew itenni li l-Iran qatt ma għandu jitħalla jakkwista arma nukleari u li jrid jikkonforma mal-obbligi legalment vinkolanti tiegħu ta' salvagwardja nukleari skont it-Trattat dwar in-Nonproliferażzjoni. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Iran biex jerġa' jissokta kooperazzjoni sħiħa mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika.
15. Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-reġim Iranjan iwaqqaf il-vjolenza u r-repressjoni kontra l-poplu tiegħu stess. Huwa jappella għar-rispett tad-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-poplu Iranjan, inkluż id-dritt li jagħżel il-futur tiegħu stess.

### ***Gaża/ix-Xatt tal-Punent***

16. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni li qed tiddeterjora f'Gaża u fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant, li hija ta' tħassib serju. Huwa jafferma l-impenn tal-Unjoni Ewropea għad-dritt internazzjonali u għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fejn żewġ stati demokratiċi, Iżrael u l-Palestina, jgħixu maġenb xulxin fil-paċi fi fruntieri siguri u rikonoxxuti.
17. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa mill-partijiet kollha tal-waqfien mill-ġlied u d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-UNSCR 2803, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-prinċipji politiċi u legali internazzjonali rilevanti. F'dan il-kuntest huwa jappella għad-diżarm permanenti tal-Ħamas u gruppi armati mhux statali oħra, l-irtirar sħiħ tal-forzi Iżraeljani mill-Istrixxa ta' Gaża u l-iskjerament tal-Forza Internazzjonali ta' Stabbilizzazzjoni (ISF) temporanja, kif deskritt fil-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Kunflitt f'Gaża.

18. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta biex taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Kunflitt f'Gaza f'konformità mal-UNSCR 2803. Fir-rigward tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), il-Kunsill Ewropew jistieden lill-partijiet kollha jerġgħu jifih l-punt ta' qsim ta' Rafah, jiffaċilitaw il-kontrolli u jżidu l-għadd ta' persuni li jaqsmu. Huwa jappella wkoll għal tħejjijiet aċċellerati biex titkabbar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS).
19. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna s-sitwazzjoni umanitarja katastrofika kontinwa f'Gaza u jistieden lil Iżrael jippermetti aċċess immedjat u mingħajr xkiel u distribuzzjoni sostnuta ta' assistenza umanitarja fuq skala kbira lejn Gaza u kullimkien fiha, inkluż permezz tal-Kuritur Marittimu ta' Ċipru biex jiġu ssupplimentati r-rotot fuq l-art, u biex jippermetti lin-NU u l-aġenziji tagħha, u lill-organizzazzjonijiet umanitarji, jaħdmu b'mod indipendenti u imparzjali biex isalvaw il-ħajjiet u jnaqqsu t-tbatija. Huwa jistieden lil Iżrael ireġġa' lura d-deċiżjoni tiegħu rigward il-liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-NGOs, jerġa' jiftaħ il-punti ta' qsim tal-fruntieri ta' Gaza u jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali, fosthom id-dritt umanitarju internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili f'kull ħin u mument.
20. L-Unjoni Ewropea ser tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati internazzjonali u reġjonali sabiex tikkontribwixxi għar-rikostruzzjoni u l-bini mill-ġdid ta' Gaza, f'konformità mad-dritt internazzjonali. Hija ser tkompli tappoġġa wkoll lill-Awtorità Palestinjana, inkluż fl-aġenda ta' riforma tagħha, sabiex din tkun tista' tiegħu lura l-kontroll ta' Gaza b'mod sigur u effettiv. Il-Kunsill Ewropew jistieden lil Iżrael jirrilaxxa b'urġenza d-dħul miżmum minn dazji u imposti u jestendi s-servizzi ta' korrisondenza bankarja bejn il-banek Iżraeljani u dawk Palestinjani, li huma t-tnejn meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Awtorità Palestinjana u l-għoti ta' servizzi essenzjali lill-popolazzjoni.

21. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet unilaterali ta' Iżrael li għandhom l-għan li jespandu l-preżenza tiegħu fix-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalem tal-Lvant, li l-opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tad-19 ta' Lulju 2024 iddikjarat bħala illegali, u jħeġġeġ lill-Gvern ta' Iżrael ireġġa' lura dawn id-deċiżjonijiet, jirrispetta l-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali u jipproteġi lill-popolazzjoni Palestinjana fit-territorji okkupati. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu biex jiġi ppreservat u rrispettat l-Istatus Quo tal-imkejjen imqaddsa ta' Ġerusalem.
22. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza sostnuta u dejjem tikber tal-abitanti tal-insedjamenti kontra ċ-ċivili Palestinjani, inkluż il-vjolenza kontra l-komunitajiet Kristjani u jtenni l-appell tiegħu lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq aktar miżuri restrittivi kontra abitanti estremisti tal-insedjamenti u l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li jappoġġawhom.

### ***Libanu***

23. Il-Kunsill Ewropew huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fl-ostilitajiet fil-Libanu u l-impatt serju tagħha fuq iċ-ċivili, inkluż l-ispostament fuq skala kbira, it-tbatija u t-telf ta' ħajjiet. Huwa jappella għal tnaqqis tat-tensjoni, il-protezzjoni taċ-ċivili u l-infrastruttura ċivili, kif ukoll ir-rispett tad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lil-Libanu, lill-awtoritajiet tiegħu u lill-poplu tiegħu u ser tuża r-riżervi ta' emerġenza tagħha biex tassisti lill-popolazzjoni ċivili affettwata. Hija ser tkompli tappoġġa s-sovranià, l-integrità territorjali u l-isforzi għall-bini tal-Istat Libaniż.
24. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni tal-Hezbollah li jattakka lil Iżrael b'appoġġ għall-Iran u jħeġġu jieqaf immedjament. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon d-deċiżjoni mill-awtoritajiet Libaniżi li jipprojbixxu l-attivitajiet militari tal-Hezbollah. L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-isforzi tal-awtoritajiet biex isaħħu l-Forzi Armati Libaniżi bil-ħsieb li jiksbu kontroll tat-territorju Libaniż kollu.

25. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu lill-partijiet kollha biex jirrispettaw u jimplimentaw it-termini tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tas-27 ta' Novembru 2024 u għall-implimentazzjoni sħiħa tal-UNSCR 1701. Il-Kunsill Ewropew jistieden lil Iżrael joqgħod lura minn eskalazzjoni ulterjuri permezz ta' operazzjonijiet bl-ajru jew fuq l-art u biex jirrispetta s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Libanu. Huwa jistieden lin-naħat kollha jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili u biex iżommu lura minn azzjonijiet li jirriżultaw f'aktar spostament.
26. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sod tiegħu għall-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL), li għandha rwol fundamentali ta' stabbilizzazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attakki inaċċettabbli mmirati lejn il-persunal tal-UNIFIL u jappella għal investigazzjoni bir-reqqa. Attakki bħal dawn kontra l-membri tal-forzi taż-żamma tal-paċi tan-NU jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali, huma totalment inaċċettabbli u jridu jieqfu immedjatament.

### **III. KOMPETITTIVITÀ U SUQ UNIKU**

#### ***Ewropa Waħda, Suq Wieħed***

27. Fil-kuntest globali attwali, l-insegwiment tal-oġettiv tal-Unjoni Ewropea ta' "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" jirrikjedi determinazzjoni mġedda biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Unjoni, tiżdied ir-reżiljenza tagħha u tissaħħaħ l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika tagħha, biex b'hekk jiġu sostnuti l-prosperità u l-mudell soċjali tal-Ewropa.
28. Il-Kunsill Ewropew għalhekk iddeċieda li jniedi aġenda ta' "Ewropa Waħda, Suq Wieħed", li għandha tiġi implimentata fl-2026 fejn possibbli u sa mhux aktar tard minn tmien l-2027.
29. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jimplimentaw b'mod urġenti din l-aġenda, inkluż fid-dawl tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni, u ser jirrieżamina regolament il-progress fil-fergħat kollha, filwaqt li jipprovdi gwida strateġika addizzjonali meta jkun meħtieġ.

**Suq Uniku**

30. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-approfondiment u l-integrazzjoni ulterjuri tas-Suq Uniku, fl-erba' libertajiet kollha tiegħu, u s-simplifikazzjoni ulterjuri tiegħu għan-nies u n-negozji, huma responsabbiltà urġenti u kondiviża tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Il-kumpaniji ta' kull daqs għandhom ikunu liberi joperaw mingħajr xkiel fis-Suq Uniku kollu, u jespandu biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Approċċ ta' "Suq Wieħed", b'regoli armonizzati għall-UE kollha li jissostitwixxu 27 sett ta' regoli nazzjonali, fiha innifsu jgħib simplifikazzjoni, kif ukoll l-applikazzjoni li tiffunzjona tajjeb tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Dan l-approċċ ser isaħħaħ l-integrità tas-Suq Uniku filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ekwi, kemm internament kif ukoll globalment, u jtejjeb il-konnettività u l-istandards tal-għajxien għaċ-ċittadini.
31. Għal dan l-għan, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jipprevjenu u jneħħu l-ostakli għall-erba' libertajiet, b'mod partikolari l-ostakli identifikati fl-Istrateġija għas-Suq Uniku tal-Kummissjoni ta' Mejju 2025, bil-ħsieb li jinkiseb progress konkret u taṅgibbli sa mhux aktar tard minn Marzu 2027.
32. B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew jappella biex il-miżuri li ġejjin jiġu indirizzati bħala prijorità għolja:
  - a) it-28 reġim għal-liġi tal-kumpaniji, biex jgħin lill-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari lill-kumpaniji innovattivi, lill-SMEs u lill-istart-ups, joperaw u jespandu fis-Suq Uniku kollu, fuq bażi sempliċi u diġitali b'mod awtomatiku. Dan ir-reġim armonizzat fakultattiv għall-kumpaniji għandu jiġi miftiehem mill-koleġiżlaturi sa tmiem l-2026, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2026;
  - b) sistema sempliċi, unifikata u volontarja ta' dikjarazzjoni elettronika għall-forniment transfruntier ta' servizzi, biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi meta l-ħaddiema jiġu stazzjonati temporanjament fi Stati Membri oħra u jiġu żgurati d-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema, li għandu jintlaħaq qbil dwarha mill-koleġiżlaturi sa Ġunju 2026;

- c) tishiĥ tal-moviment liberu tal-ħaddiema permezz tat-titjib tar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali u t-tishiĥ tal-portabbiltà tal-kwalifiki u l-ħiliet bejn il-fruntieri nazzjonali, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-interoperabbiltà, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni li għandha tiġi ppreżentata sal-ħarifa tal-2026;
  - d) implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "darba biss", inkluż permezz ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju, l-isfruttar ta' soluzzjonijiet eżistenti u l-għan li jiġu diġitalizzati l-interazzjonijiet kummerċjali u jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi fl-UE kollha, li għandu jintlaħaq qbil dwarha mill-koleġiżlaturi qabel tmiem l-2026;
  - e) titjib tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-infurzar tal-istandards tal-UE, billi jissaħħu, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni li għandha tiġi ppreżentata sa tmiem l-2026, is-salvagwardji għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq, speċjalment għas-sorveljanza ta' prodotti mhux konformi minn pajjiżi terzi;
  - f) l-iffaċilitar tal-moviment liberu tal-merkanzija billi jiġu indirizzati, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni li għandha tiġi ppreżentata sa tmiem l-2026, rekwiżiti frammentati għat-tikkettar u l-imballaġġ tal-prodotti, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet diġitali. Dan għandu jindirizza wkoll l-impatt negattiv tar-restrizzjonijiet territorjali tal-provvista li jifframentaw is-Suq Uniku.
33. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-kundizzjonijiet fl-Unjoni kollha biex in-negożji jiksbu l-iskala meħtieġa biex jinvestu, jinnovaw u jikkompetu fil-livell globali. Dan jinkludi r-rieżami li għaddej tal-linji gwida dwar l-amalgamazzjonijiet, li għandhom ikomplu jiżguraw kompetizzjoni effettiva.
34. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tiżgura infurzar f'waqtu u robust tar-regoli tas-Suq Uniku, biex b'hekk tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Uniku.

***Simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi***

35. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, lill-koleġislaturi u lill-Istati Membri jkomplu jissimplifikaw ir-regoli u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi b'mod ambizzjuż fil-livell tal-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali biex jiżguraw qafas regolatorju li jkun kemm favorevoli għall-innovazzjoni kif ukoll għall-SMEs, inkluż billi japplikaw il-prinċipju "Aħseb l-ewwel fiż-żgħir", u mingħajr ma jdgħajfu l-prevedibbiltà, l-għanijiet ta' politika tal-UE, l-istandards għoljin jew l-integrità tas-Suq Uniku.
36. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew:
- a) jistieden b'urġenza lill-koleġislaturi jżommu l-momentum għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni eżistenti, b'mod partikolari billi jaqblu, qabel tmiem l-2026, dwar il-pakketti omnibus pendenti kollha, inkluż omnibus dwar l-IA ambizzjuż sa Lulju 2026;
  - b) jistieden lill-Kummissjoni tressaq aktar inizjattivi omnibus u inizjattivi oħra ta' simplifikazzjoni, inkluż biex tkompli tħaffef u tissimplifika l-proċeduri tal-ippjannar u l-ħruġ tal-permessi;
  - c) jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami regolatorju fil-fond tal-acquis tal-UE biex telimina d-dispożizzjonijiet skaduti, it-trikkib, l-inkonsistenzi u r-ridondanzi, li jistgħu jinkludu l-irtirar ta' proposti leġiżlattivi;
  - d) jistieden lill-Kummissjoni:
    - i) tiżgura li l-inizjattivi l-ġodda tal-UE jkunu konformi mal-prinċipji ta' "sempliċità mit-tfassil" u ta' regolamentazzjoni aħjar, ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalità għolja, jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-kompetittività tal-Unjoni, inkluż il-funzjonament aħjar tas-Suq Uniku, u jnaqqsu l-kostijiet regolatorji, amministrattivi u tal-konformità u jevitaw il-piżijiet;

- ii) tiffavorixxi r-regolamenti fuq id-direttivi;
  - iii) tillimita l-użu ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, li għandhom jiffukaw fuq elementi tekniċi;
  - e) jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jevitaw li jintroduċu piżijiet amministrattivi addizzjonali fl-atti legali tal-UE matul il-proċedura leġiżlattiva;
  - f) jistieden lill-Istati Membri jevitaw regolamentazzjoni żejda u rekwiżiti nazzjonali sproporzjonati meta jittrasponu u jimplimentaw ir-regoli tal-UE.
37. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenn mill-President tal-Kummissjoni Ewropea li tirrapporta kull sena lill-Kunsill Ewropew dwar il-progress miksub fil-qasam tas-simplifikazzjoni.

***Prezzijiet tal-enerġija affordabbli u Unjoni tal-Enerġija għall-2030***

38. Iż-żidiet qawwija reċenti fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili importati juru li t-tranżizzjoni tal-enerġija tibqa' l-aktar strateġija effettiva biex tinkiseb l-awtonomija strateġika tal-Ewropa, tissaħħaħ ir-reżiljenza, jitnaqqsu b'mod strutturat il-prezzijiet tal-enerġija, u tiġi pprovduta l-enerġija nadifa, abbondanti u domestika meħtieġa biex tixpruna l-ekonomija tal-futur. L-aċċellerazzjoni tal-użu u l-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju u ta' ħżin tal-enerġija hija essenzjali biex titnaqqas id-dipendenza fuq swieq volatili tal-fjuwils fossili u tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista.
39. Fl-istess ħin, huma meħtieġa soluzzjonijiet immirati fuq terminu qasir biex tiġi żgurata enerġija affordabbli, filwaqt li jitqiesu n-newtralità teknoloġika u s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri, l-esponent partikolari ta' ċerti setturi industrijali għar-riskju ta' rilokazzjoni, u l-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet għal setturi innovattivi intensivi fl-enerġija, mingħajr ma tiddgħajjef il-prevedibbiltà u l-kundizzjonijiet ekwi.

40. Peress li l-kunflitt fil-Lvant Nofsani għandu impatt immedjat fuq il-prezzijiet tal-enerġija għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa ta' rispons koordinat.
41. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew:
- a) jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mingħajr dewmien sett ta' għodod ta' miżuri temporanji mmirati biex tindirizza ż-żidiet qawwija reċenti fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili importati li jirriżultaw mill-kriżi fil-Lvant Nofsani;
  - b) jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-ittra reċenti mill-President tagħha, inkluż rigward l-intenzjoni li tiżdied ir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq, tippreżenta b'mod urġenti miżuri mmirati – fil-komponenti kollha tal-prezzijiet tal-elettriku – għal azzjonijiet konkreti biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku u tindirizza l-volatilità eċċessiva fuq terminu qasir, inkluż għas-setturi intensivi fl-enerġija, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti madwar l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija mistiedna wkoll taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tfassal miżuri nazzjonali temporanji u mmirati biex ittaffi l-impatti sinifikanti tal-fjuwils u l-komponenti tal-kostijiet relatati fuq il-kostijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, kif ukoll l-impatt tal-komponenti tal-kostijiet l-oħra kollha kif deskritt fl-ittra, filwaqt li tippreserva sinjali ta' investiment fit-tul u tappoġġa l-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern;
  - c) jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rieżami tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) sa mhux aktar tard minn Lulju 2026, biex titnaqqas il-volatilità tal-prezz tal-karbonju u jittaffa l-impatt tiegħu fuq il-prezzijiet tal-elettriku, inkluż il-kostijiet tal-katina tal-provvista relatati, u fuq id-devjazzjoni tal-attivitajiet, filwaqt li jiġi ppreservat ir-rwol essenzjali tal-ETS fit-tranżizzjoni klimatika u tal-enerġija permezz ta' indikatur tal-prezz ibbażat fuq is-suq għall-emissjonijiet tal-karbonju li jixpruna l-investiment u l-innovazzjoni;

- d) jistieden lill-koleġiżlaturi jaqblu, fl-2026, dwar pakkett ambizzjuż dwar il-grilji biex jibnu malajr l-infrastruttura meħtieġa, jiżguraw il-protezzjoni u r-reżiljenza tagħha, u jsaħħu l-interkonnessjonijiet, fil-livell nazzjonali u trans-Ewropew, inkluż billi jissimplifikaw u jaċċelleraw il-proċeduri għall-għoti ta' permessi, u b'hekk jikkontribwixxu għal suq tal-enerġija integrat u aktar robust, filwaqt li jiddefinixxu approċċ flessibbli għall-introjtu domestiku mill-konġestjoni li jirriżulta miż-żoni tal-offerti interni li jqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali;
- e) jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-aġenda tal-Unjoni tal-Enerġija għall-2030, biex jippermettu malajr elettrifikazzjoni akbar u affordabbli.

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjonijiet ta' hawn fuq f'Ġunju 2026 biex jirrieżamina l-progress.

***Trawwim tat-tiġdid industrijali tal-Ewropa u l-innovazzjoni, u t-tnaqqis tad-dipendenzi***

- 42. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li biex jiġi xprunat it-tkabbir fl-Ewropa huwa kruċjali li l-investment jiġi dirett lejn it-teknoloġiji ta' għada, tiġi aċċellerata l-innovazzjoni, isir progress fit-teknoloġija diġitali u l-infrastruttura meħtieġa; u jittejjbu l-kundizzjonijiet għal bażi industrijali sostenibbli u produttiva. Dan għandu jsir b'mod teknoloġikament newtrali u li jqis il-ħtiġijiet tal-SMEs. It-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi u t-tiħiħ tal-importanza ġeopolitika u kummerċjali tal-Ewropa saru prekondizzjoni għar-reżiljenza, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.
- 43. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew:
  - a) jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, timmappja d-dipendenzi f'setturi strateġiċi sa mhux aktar tard minn tmiem l-2026;

- b) jenfasizza l-importanza li tiġi stabbilita "preferenza Ewropea" mmirata u proporzjonata f'setturi u teknoloġiji strateġiċi u, f'dan ir-rigward, jistieden lill-koleġiżlaturi jaqblu sa tmiem l-2026 dwar Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2026, f'konformità mal-obbligi internazzjonali rilevanti tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta aktar proposti f'dan ir-rigward;
- c) jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni biex tiproteġi setturi ewlenin minn kompetizzjoni inġusta, inkluż permezz tal-użu f'waqtu ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ tal-Unjoni, u tindirizza b'mod proattiv il-koerċizzjoni ekonomika;
- d) jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ikomplu jiddiversifikaw ir-rabtiet kummerċjali u ta' investiment, inkluż biex jiżguraw l-aċċess għal riżorsi essenzjali, ktajjen tal-provvista, swieq u teknoloġiji;
- e) jistieden lill-Kummissjoni tressaq pakkett dwar is-sovranità teknoloġika.

#### ***Mobilizzazzjoni tal-investiment***

- 44. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li prekondizzjoni fundamentali għat-tkabbir sostenibbli hija Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti reali b'suq kapitali kompletament integrat u effiċjenti li tidderieġi b'mod effettiv it-tfaddil f'investimenti produttivi fl-UE. Dan huwa essenzjali biex in-negozji Ewropej, inkluż f'setturi strateġiċi, jingħataw il-kapital ta' ekwità li jeħtieġu biex jinnovaw u jikbru, u biex joħolqu impjiegi ta' kwalità fl-UE.
- 45. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew jappella:
  - a) lill-koleġiżlaturi jikkonkludu, sa tmiem l-2026, in-negozjati dwar il-proposti leġiżlattivi dwar it-titolizzazzjoni, il-pensjonijiet supplimentari u l-pakkett dwar l-integrazzjoni u s-superviżjoni tas-suq;

- b) lill-koleġislaturi jikkonkludu, sa tmiem l-2026, in-negozjati dwar il-proposta leġislattiva dwar l-euro diġitali;
- c) lill-Kummissjoni tipproponi emendi mmirati għall-qafas prudenzjali sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tas-settur bankarju li jiffinanzja l-ekonomija Ewropea, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, u bil-ħsieb li jiġu ppreservati kompletament kundizzjonijiet ekwi globali. F'dan ir-rigward, jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li sas-sajf tal-2026 tippreżenta rapport dwar il-kompetittività tas-settur bankarju;
- d) lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi japprofondixxu l-integrazzjoni tas-suq bankarju tal-UE billi jagħmlu progress lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja.

### *Semestru Ewropew*

- 46. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew indirizza l-prijoritajiet għas-Semestru Ewropew 2026 u japprova r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Il-Kunsill Ewropew qies ukoll is-sitwazzjoni tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni Ewropea.

## **IV. DIFIŻA U SIGURTÀ TAL-EWROPA**

- 47. Minħabba l-ambjent ġeopolitiku li qed ikompli jiddeterjora, u bil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għadha sfiċja eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jżid b'mod deċiżiv il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030, inaqqas id-dipendenzi strateġiċi u jindirizza l-lakuni fil-kapaċitajiet kritiċi, b'approċċ ta' 360 grad.

48. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella għal aċċellerazzjoni tal-isforzi biex tinkiseb malajr il-prontezza tad-difiża. Il-Kunsill Ewropew:

- a) jisħaq fuq l-importanza li tiġi intensifikata l-ħidma fuq l-oqsma ta' kapaċità prijoritarji identifikati fil-livell tal-UE, f'koerenza sħiħa man-NATO. Huwa jilqa' l-progress li diġà sar, bil-koalizzjonijiet kollha tal-mezzi disponibbli u operazzjonali, u jinnota li l-Istati Membri diġà qed jaħdmu fuq l-iżvilupp konġunt u l-akkwist fir-rigward tas-sistemi tad-droni u dawk kontra d-droni. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-progress sostnut li qed isir fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jipproteġu n-naħa tal-Lvant tal-Ewropa. Jisħaq ukoll fuq l-importanza ta' mezzi ta' difiża tal-ajru bi twissija bikrija u ta' attacchi bi preċiżjoni fil-profond, kif ukoll assi u servizzi spazjali li jaqdu skopijiet ta' sigurtà u difiża. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkunu jistgħu jitedew proġetti konkreti fix-xhur li ġejjin, inkluż billi jsir użu sħiħ tal-istrumenti SAFE u l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP). Huwa jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jieħdu l-passi ulterjuri meħtieġa fl-implimentazzjoni taż-żewġ strumenti bħala kwistjoni ta' urġenza;
- b) jappella għal bidla gradwali fit-tiżiħ tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea sabiex tkun tista' tipprovdi tagħmir fuq l-iskala akbar u l-pass aċċellerat meħtieġ, inkluż it-tagħmir prijoritarju b'appoġġ għall-Ukrajna, anke fid-dawl ta' nuqqasijiet possibbli ta' provvista globali. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex, fil-qafas tal-koalizzjonijiet tal-mezzi, u bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Kummissjoni, jinkoraġġixxu lill-industrija Ewropea tad-difiża żżid il-produzzjoni għal dan l-għan;

- c) itenni b'mod partikolari l-importanza tal-funzjonament tajjeb u aktar integrazzjoni tas-suq Ewropew għad-difiża mal-Unjoni kollha, inkluż aċċess transfruntier intra-UE għall-ktajjen tal-provvista tad-difiża, b'mod partikolari għall-SMEs u l-mid-caps. Dan ser jikkontribwixxi wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-koleġislaturi jiffinalizzaw il-ħidma fuq l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża bħala kwistjoni ta' urġenza;
  - d) jistieden lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża tiffinalizza l-ħidma sa Ġunju 2026 biex issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-Istati Membri fl-oqsma tal-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-mezzi ta' difiża, inkluż permezz tal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti u aggregazzjoni tad-domanda, u l-akkwist komuni;
  - e) jilqa' l-isforzi sostnuti li saru mill-Bank Ewropew tal-Investment biex isaħħaħ l-industrija Ewropea tad-difiża, inkluż billi jattira l-investment privat;
  - f) ifakkar fl-importanza tal-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża u l-ħtieġa li jinsiltu t-tagħlimiet mill-esperjenza tal-Ukrajna;
  - g) filwaqt li jfakkar fl-importanza tal-mobbiltà militari, jistieden lill-koleġislaturi jmexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-proposta rilevanti.
49. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza s-sitwazzjoni fil-fruntiera tal-Lvant tal-UE, waqt li jitqies it-theddid mir-Russja u l-Belarussja, kif ukoll ir-riskji ffaċċati mill-Istati Membri l-aktar affettwati direttament mis-sitwazzjoni fl-Iran u fil-Lvant Nofsani. Huwa jtenni li d-difiża tal-fruntieri kollha tal-UE fuq l-art, tal-ajru u dawk marittimi tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-Ewropa kollha kemm hi.

50. Fid-dawl tal-kampanji ibridi persistenti minn atturi ostili kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari mir-Russja u l-Belarussja, il-Kunsill Ewropew jistenna li jitkomplew l-isforzi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza, tissaħħaħ il-preparatezza, tiġi protetta l-infrastruttura kritika, u jiġu prevenuti, skoraġġuti u jingħata rispons għall-attakki ibridi, b'attenzjoni partikolari għas-sigurtà tad-droni u s-sigurtà kontra d-droni.
51. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jaġġorna l-fehim komuni tat-theddid u l-isfidi li qed tiffaċċa l-UE, li ntlaħaq qbil dwaru fil-Boxxla Strateġika fl-2022, abbażi ta' analiżi komprensiva u ta' 360 grad tat-theddid fil-livell tal-UE li għandha titthejja mir-Rappreżentant Għoli f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u li tibni fuq il-kontribut tagħhom.
52. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li ssir ħidma flimkien mas-sħab tal-istess fehma, li jikkondividu l-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE.
53. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, f'konformità mat-Trattati.

## **V. MIGRAZZJONI**

54. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, inkluż fil-kuntest tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni. Jappella biex il-ħidma intensifikata fl-oqsma kollha tkompli bħala kwistjoni ta' prijorità, inkluż fuq id-dimensjoni esterna u s-sħubijiet komprensivi, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.

## **VI. MULTILATERALIŻMU**

55. Fi żmien meta l-multilateraliżmu u d-dritt internazzjonali qed jiġu kkontestati, l-Unjoni Ewropea hija impenjata bis-sħiħ li tirrispetta l-Karta tan-NU u r-regoli u l-prinċipji li tħaddan, b'mod partikolari dawk tas-sovranià u l-integrità territorjali, l-indipendenza politika u l-awtodeterminazzjoni.

56. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn sod tal-Unjoni għal multilateraliżmu effettiv u għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha, kif ukoll l-appoġġ tagħha għall-istituzzjonijiet li jirrispettaw id-dritt internazzjonali, inkluż billi jiġu protetti b'mod effettiv il-qrati internazzjonali u l-uffiċjali tagħhom minn kwalunkwe theddid jew sanzjoni. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' sieħeb prevedibbli, affidabbli u kredibbli, u ttenni l-impenn tagħha li taħdem flimkien mas-sħab kollha tagħha biex iżżomm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal sfidi komuni. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-libertà u s-sigurtà tan-navigazzjoni f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.
57. L-Unjoni Ewropea ser taħdem flimkien mas-sħab kollha tagħha, kif ukoll man-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha biex tmexxi 'l quddiem il-proċess ta' riforma interna – l-inizjattiva UN80 – biex jiġi żgurat li n-Nazzjonijiet Uniti tibqa' effettiva, kosteffiċjenti u reattiva.

## VII. PUNTI OĦRAJN

### *Tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tal-Ewropa*

58. Filwaqt li jfakkar fl-importanza li jissaħħu r-reżiljenza demokratika tal-Ewropa u r-responsabbiltà legali tal-pjattaformi online fil-ġlieda kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-kontenut illegali, il-Kunsill Ewropew jenfasizza r-responsabbiltà tal-pjattaformi online li jtaffu r-riskji sistemiċi assoċjati mal-użu ta' dawn il-pjattaformi u l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-integrità u r-responsabbiltà tal-ispazju tal-informazzjoni. Huwa jstieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti previsti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) għal dak l-għan. Il-Kunsill Ewropew jstieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, filwaqt li jaħdmu bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli, biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom għal attivitajiet ibridi, b'mod partikolari l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin u t-tentattivi biex tiġi mminata d-demokrazija, filwaqt li jqisu wkoll l-interferenza minn atturi privati barranin fil-proċessi elettorali demokratiċi fl-Istati Membri. Huwa jissottolinja l-importanza li jiġi approfondit l-involvement taċ-ċittadini, jissaħħa id-diskors demokratiku u jiġu protetti media u soċjetà ċivili ħielsa u pluralistiċi.

***Protezzjoni tat-tfal online***

59. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-minorenni fl-isfera diġitali, b'mod partikolari permezz ta':
- a) l-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-linji gwida tiegħu dwar il-protezzjoni tal-minorenni;
  - b) il-promozzjoni ta' età maġġuri diġitali għall-aċċess għall-media soċjali, filwaqt li tiġi ppreservata l-privatezza tal-utenti u jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali;
  - c) it-tikkettar ta' kontenut iġġenerat mill-IA u l-projbizzjoni ta' sistemi tal-IA li jippermettu l-ħolqien ta' immaġnijiet intimi mhux kunsenswali u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

***Reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna***

60. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna "Reġjuni b'saħħithom għal Ewropa sikura".

***Xmara Dniester***

61. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki tar-Russja kontra l-infrastruttura ċivili Ukrena li kkontaminaw ix-xmara Dniester, is-sors primarju tal-ilma ħelu tar-Repubblika tal-Moldova. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tipprovdi assistenza lir-Repubblika tal-Moldova biex jittaffew l-effetti ambjentali, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-appoġġ immedjat ipprovdut mill-Istati Membri.